**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 373/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Daniel Gaffarena**

**Illum 10 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Daniel Gaffarena ta' wieħed u tletin (31) sena, iben Emanuel u Alexandra neè McMonagle, imwieled Ħaż-Zabbar fl-14 ta' Frar 1991, residenti Nru. 113, Triq il-Flotta, Gżira, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 210000L:

Talli nhar il-15 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 9:00p.m. u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel iżda mhux iktar mid-data tat-30 ta' April 2022, ġewwa l-lokalità tal-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Uża vjolenza, inkluża vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmlu, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tal-ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle u li twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

U talli nhar il-15 ta' Lulju 2022 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn it-8:00p.m. u id-9:00p.m. ġewwa l-lokalità tal-Gżira:

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Emanuel Gaffarena f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntu, hekk kif iċċertifika Dr. Andrew Hall, Med. Reg. No. 4737;
3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ommu Alexandra McMonagle f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża

ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif iċċertifika Dr. Andrew Hall, Med. Reg. No. 4737;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €250 għad-dannu ta' missieru Emanuel Gaffarena;
5. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;
6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra Daniel Gaffarena a benefiċċju ta' Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle u l-familjari tagħhom, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Daniel Gaffarena ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; sabiex (iii) f'każ ta' ħtija, minbarra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle u l-familjari tagħhom; u sabiex (iv) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Daniel Gaffarena għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda in segwitu, u senjatament fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu u tatu żmien biex jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 8 sa' 44 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle datat 18 ta' Lulju 2022 a fol. 45 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022[1];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema irriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga u rriżulta ukoll li l-ġenituri ta' l-imputat Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle huma disposti jaċċettawh lura d-dar tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Fol. 46 u 47 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar il-15 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 9:00p.m. u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel iżda mhux iktar mid-data tat-30 ta' April 2022, ġewwa l-lokalità tal-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer: (1) Uża vjolenza, inkluża vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmlu, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tal-ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle u li twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt; U talli nhar il-15 ta' Lulju 2022 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn it-8:00p.m. u id-9:00p.m. ġewwa l-lokalità tal-Gżira: (2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Emanuel Gaffarena f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntu, hekk kif iċċertifika Dr. Andrew Hall, Med. Reg. No. 4737; (3) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ommu Alexandra McMonagle f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif iċċertifika Dr. Andrew Hall, Med. Reg. No. 4737; (4) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €250 għad-dannu ta' missieru Emanuel Gaffarena; (5) Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (6) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ġenituri tiegħu Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi kif ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat jinsabu assorbiti fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga u l-fatt li l-ġenituri ta' l-imputat Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle huma disposti li jaċċettawh lura d-dar għandhom.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 202(h)(iii), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251(1)(2), 251H(b)(f), 251HA, 325(1)(ċ) u 339(1)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, inkluż għalhekk il-ġenituri ta' l-imputat Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-

imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga u għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza din il-problema akuta li huwa għandu, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi Emanuel Gaffarena u Alexandra McMonagle huma disposti li jaċċetaw li l-imputat lura d-dar tagħhom, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda, ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-fini li jinżamm il-bon ordni pubbliku ma' Emanuel Gaffarena, Alexandra McMonagle u l-familjari tagħhom, il-Qorti qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**